**10 ta' Jannar, 1964**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.,

**Lokazzjoni — Board li Jirregola l-Kera — Gurisdizzjoni. Kap. 109 — G.N. 242 ta' 1942**

Gaetano Camilleri

*versus*

Leonardo Barbara

**— Distinzjoni bejn fond urban u fond rustiku**

*Razzett mikri bir-raba tiegħu għal skop ta agrikoltura, ma jistax jitkies fond urban, u għalhekk il Bord li jirregola l-Kera ma għandux Gurisdizzjoni dwaru.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Gaetano Camilleri quddiem il-Bord li jirregola l-Kera biex jieħu lura l-fond numru 13 Trieq San Paul Żurrieq;

Rat id-deċizzjoni ta' dak il-Bord tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju, 1963 li biha laqa t-talba tar-rikorrent u ta' lill-intimat xahar żmien biex jżgombra l-fond. L-ispejjeż jitħallsu nofs mill-intimat u nofs mir-rikorrent: wara li kkunsidra:—

Illi r-rikorrent xehed li jrid il-post in kwistjoni biex imur joqgħod fih hu bil-familja tiegħu.

Illi l-intimat xehed illi l-fond in kwistjoni krieh biex ipoġġi l-annimali u ma kienx qed jiġi użat għall-abitazzjoni. Dawn l-annimali jservu lill-intimat prinċipalment biex ikollu d-demel għall-egħlieqi billi huwa gabillot, u mhux għan-negozju, u għalhekk il-fond ma jistax jiġi kunsidrat bħala ħanut.

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Leonardo Barbara ap-pella minn dik id-deċizzjoni u talab li tiġi revokata u t-talba ta' l-appellat tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kon-tra tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet xi xhieda, u semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Il-kwistjoni sollevata fl-appell hi jekk il-fond in kwist-joni għandux jitqies bħala fond "urban" li għalih tapplika l-liġi amministrata mill-Bord li jirregola l-Kera nkella "għalqa" li għaliha jgħoddu r-regolamenti pubblikati bin-notifikazzjoni tal-Gvern nru. 242 ta' l-1943. L-appellant isostni li l-fond hu razzett bir-raba miegħu: il-bini ma nke-rix għall-abitazzjoni u anqas jista' jiġi abitat, iżda nkera u qed jiġi wżat bħala nservjenti għall-bżonnijiet tal-mestier tiegħu ta' gabillott.

Skond l-imsemmija regolamenti fid-definizzjoni tal-kelma "għalqa" tidħol kull art li sservi prinċipalment għall-agrikultura u li abitwalment tinkera għall-koltivaz-zjoni ta' prodotti u skopijiet agrikoli simili u tinkludi kull razzett jew bini mikri bħala parti ntegrali ta' l-għalqa.

Issa jirriżulta mix-xhieda ta' l-Ispiżżjar Antonio Scic-

luna Spiteri, is 'Soil Expert' tad-Dipartiment tal-Biedja, illi l-bini in kwistjoni għandu miegħu għalqa tal-kapaċita ta' erba siegħan u ħames kejliet, fejn hemm għadd ta' siġar tal-frott inklużi siġar tal-bajtar u fejn l-art hi koltivata bi xtieli tal-basal, u pastard. Dan il-fond jinsab irreġistrat fis-"Survey" tad-Dipartiment bħala parti minn raba ieħor li għalkemm ma' jifformax ħaġa waħda miegħu pero hu adjaċenti għalih. F'dak is-survey dan ir-raba hu deskritt bħala "semi-irrigated", ċioe li hemm fih ġwiebi ta' l-ilma għat-tisqija. Jidher ċar illi s-siġar huma verament sekondarja għall-koltivazzjoni ta' l-art imma l-iskop tal-fond mhux il-kultura tas-siġar u għalhekk il-fond ma hux esklużż mid-definizzjoni fuq imsemmija.

Skond ix-xhieda ta' l-appellant, mhux kontraddetta, ir-razzett inkera bir-raba miegħu bi qbiela għall-intier.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha illi l-fond in kwistjoni ma' jistax jitqies fond urban li għalih tapplika l-Kapitolu 109 u għalhekk il-Bord li jirregola l-Kera ma kellux ġurisdizzjoni dwaru.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddiċiedi billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tilqa l-appell u tannulla s-sentenza appellata u, peress illi ma jidhirx illi l-kwistjoni sollevata fl-appell ġiet mill-appellant imqajma quddiem il-Bord, tordna li l-ispejjez kollha jibqgħu bla taxxa ħlief id-dritt tar-Reġistru li jħallsu l-appellat.